MALTA

ATT Nru. XXXII ta' l-1997

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

ATT biex jipprovdi dwar ċerti proċeduri quddiem qrati.

ACT No. XXXII of 1997

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

AN ACT to provide for certain judicial procedures.

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.)

UGO MIFSUD BONNICI
President

30 ta' Diċembru, 1997

ATT Nru. XXXII ta' l-1997

ATT biex jipprovdi dwar ċerti proċeduri quddiem qrati.

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:-

1. Dan l-Att jista' jissejjaħ l-Att ta' l-1997 biex jagħmel Provvedimenti Speċjali dwar Proċeduri quddiem Qrati. Titolu fil-qosor.

2. (1) Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 24 ta' l-Ordinanza li tirregola t-Tiġdid tal-Kiri ta' Bini, kif emendat bl-Att ta' l-1993 dwar Emenda fil-Liġijiet dwar Bordijiet, u ta' l-artikolu 10 ta' l-Att dwar it-Tiġdid ta' Kiri ta' Raba', kif emendat bl-imsemmi Att ta' l-1993 dwar Emenda fil-Liġijiet dwar Bordijiet, appelli mill-Bord li jirregola l-Kera u mill-Bord dwar il-Kontroll tal-Kiri ta' Raba', appuntati għas-smigħ quddiem il-Qorti ta' l-Appell, kif ordinarjament magħmula, bejn l-1 ta' Ottubru, 1993 u d-dħul fis-seħħ ta' dan l-Att, għandhom, minkejja li dawn ma ġewx appuntati għas-smigħ quddiem dik il-qorti kif magħmula skond is-subartikolu (6) ta' l-artikolu 41 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, jitqiesu bħala li ġew validament appuntati u għandhom ikomplu jinstemgħu u jiġu deċiżi mill-imsemmija qorti kif ordinarjament magħmula, u kull appell li jkun ġie hekk appuntat quddiem l-imsemmija qorti, kif ordinarjament magħmula, u li jkun ġie deċiż qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan l-Att, għandu jitqies bħala li jkun ġie validament deċiż minkejja li l-Qorti ta' l-Appell ma kinetx magħmula skond ma hemm fis-subartikolu (6) ta' l-artikolu 41 ta' dak il-Kodiċi. Għoti ta' validità lil ċerti proċeduri. Kap. 69. Att XIX ta' l-1993. Kap. 199. Kap. 12.

Kap. 12.

(2) Minkejja d-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (6) ta' l-artikolu 41 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, appelli mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) fil-kompetenza superjuri tagħha li mill-1 ta' Jannar, 1996 sad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Att ġew appuntati għas-smigħ quddiem il-Qorti ta' l-Appell magħmula skond is-subartikolu (6) ta' l-artikolu 41 imsemmi, għandhom, minkejja li dawn ma ġewx appuntati għas-smigħ quddiem dik il-qorti magħmula diversament, jitqiesu bħala li ġew validament appuntati u għandhom ikomplu jinstemgħu u jiġu deċiżi mill-istess qorti kif magħmula skond is-subartikolu (6) ta' l-artikolu 41 imsemmi, u kull appell li jkun ġie hekk appuntat quddiem l-imsemmija qorti u li jkun ġie deċiż qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan l-Att għandu jitqies bħala li jkun ġie validament deċiż minkejja li l-Qorti ta' l-Appell ma kinetx magħmula skond ma hemm fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 41 ta' dak il-Kodiċi.

Att XXIV ta' l-1995.

Kap. 12.

(3) L-appelli kollha mid-deċiżjonijiet tal-Qorti tal-Maġistrati għall-Gżejjer ta' Għawdex u Kemmuna li, minnufih qabel ġie fis-seħħ il-paragrafu (d) ta' l-artikolu 24 ta' l-Att ta' l-1995 li jemenda l-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, kienu pendenti quddiem l-istess qorti magħmula bħala Qorti fi grad ta' appell skond is-subartikolu (3) ta' l-artikolu 50 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili qabel ġie mħassar l-istess subartikolu bil-paragrafu (d) imsemmi ta' l-artikolu 24 imsemmi għandhom, minkejja d-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (5) ta' l-artikolu 41 ta' l-istess Kodiċi, jiġu mill-ġdid appuntati għas-smigħ u għall-eventwali deċiżjoni quddiem il-Qorti tal-Appell magħmula kif maħsub fis-subartikolu (6) ta' l-imsemmi artikolu 41 u d-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (7) ta' l-istess artikolu 41 għandhom japplikaw għal dawk l-appelli kollha irrispettivament minn jekk l-appell huwiex mill-Qorti tal-Maġistrati għall-Gżejjer ta' Għawdex u Kemmuna fl-attribuzzjoni superjuri jew inferjuri tagħha.

Emenda tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9.

3. Il-Kodiċi Kriminali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fl-artikolu 418 tiegħu:

(i) id-dispożizzjoni preżenti għandha tiġi enumerata mill-ġdid bħala subartikolu (1); u

(ii) minnufih wara s-subartikolu (1) kif enumerat mill-ġdid għandu jiżdied is-subartikolu ġdid li ġej:

"(2) Għas-smigħ ta' appelli minn deċiżjonijiet tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala qorti ta' ġudikatura kriminali l-Qorti ta' l-Appell Kriminali għandha żżomm is-seduti tagħha f'Għawdex.";

(b) fl-artikolu 646 tiegħu:

(i) fis-subartikolu (2) tiegħu –

(1) minflok il-kliem "tista' tingieb bħala prova jekk –" għandhom jidħlu l-kliem "tista' tingieb bħala prova:

Basta li x-xhud jingieb ukoll fil-Qorti biex jiġi eżaminat *viva voce* kif provdut fis-subartikolu (1) ħlief jekk ix-xhud ikun mejjet, ikun barra minn Malta jew ma jkunx jista' jinsab u bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (8).";

(2) il-paragrafi (a) u (b) tiegħu għandhom jithassru;

(ii) is-subartikoli (8), (9) u (10) tiegħu għandhom jiġu enumerati mill-ġdid (9), (10) u (11) rispettivament;

(iii) minflok is-subartikolu (7) tiegħu għandhom jidħlu dawn is-subartikoli li ġejjin:

"(7) Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kodiċi jew ta' kull liġi oħra, ċertifikat li jkun jidher li ġie maħruġ minn tabib reġistrat jew kirurgu dentali reġistrat dwar l-eżami tiegħu ta' xi persuna, sew jekk ħajja jew mejta, jew dwar xi offiża fuq il-persuna li xi ħadd isofri jew dwar xi marda fiżika jew tal-moħħ li xi ħadd ikollu, jista' jingieb bħala prova u, sakemm ma jiġix ippruvat il-kuntrarju, għandu jkun prova tal-kontenut tiegħu, basta li ċ-ċertifikat ikollu t-timbru li jinqara ċar tat-tabib jew kirurgu dentali li joħroġ dak iċ-ċertifikat li jkun juri ismu, il-kwalifiki professjonali tiegħu, l-ispeċjalizzazzjoni tiegħu u l-indirizz tiegħu u basta dak iċ-ċertifikat ikun konfermat b'affidavit mit-tabib jew mill-kirurgu dentali, skond il-każ: iżda wkoll, il-parti l-waħda u l-oħra jistgħu jġibu lill-imsemmi tabib jew lill-imsemmi kirurgu dentali, skond il-każ, biex jiġi eżaminat fil-qorti u *viva voce,* u l-qorti tista' wkoll *ex officio* tordna dak l-eżami.

(8) Ix-xiehda ta' tabib reġistrat jew kirurgu dentali reġistrat annessa ma' proċess verbal, jew ta' tabib jew kirurgu dentali bħal dak li jkun ġie mismugħ matul il-kompilazzjoni dwar l-eżami tiegħu ta' xi persuna, sew jekk ħajja sew jekk mejta, jew dwar xi offiża fuq il-persuna li xi ħadd isofri jew dwar xi marda fiżika jew tal-moħħ li xi ħadd ikollu, tista' tingieb bħala prova mingħajr il-ħtieġa li l-imsemmi tabib jew kirurgu dentali jingieb fil-qorti kif provdut fil-proviso tas-subartikolu

(2): iżda, hlief jekk ix-xhud ikun mejjet, ikun barra minn Malta jew ma jkunx jista' jinstab, il-parti l-waħda u l-oħra jistgħu jitolbu, jew il-qorti tista' *ex officio* tordna, li dak ix-xhud jerġa' jiġi eżaminat fil-qorti u *viva voce*."; u

(iv) fis-subartikolu (11) tiegħu, kif enumerat mill-ġdid, minflok il-kliem "li xi xhud miet jew siefer," għandhom jidħlu l-kliem "li xi xhud miet, siefer jew ma jkunx jista' jinstab," u minflok il-kliem "il-qorti tista' tippermetti li tingħieb ix-xiehda tiegħu fuq ir-rapport" għandhom jidħlu l-kliem "il-qorti tista' tqis l-allegazzjoni ippruvata bir-rapport"; u

(ċ) minnufih wara s-subartikolu (5) ta' l-artikolu 650 tiegħu għandu jiżdied dan is-subartikolu ġdid li ġej:

"(6) Id-deċiżjoni tal-qorti li taħtar periti għandha titniżżel bil-miktub u għandha tiġi notifikata lill-esperti hekk maħtura.".

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru 167 tal-15 ta' Diċembru, 1997.

MYRIAM SPITERI DEBONO
Speaker

RICHARD J. CAUCHI
Skrivan tal-Kamra tad-Deputati